MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 680/2011

**Inserv Limited (C-5229)
Vs
Gino Zammit (K.I. 161466M)
in rapprezentanza ta'
McLine (VAT No. MT10114208)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob hlas fl-ammont ta' elf tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro (€1,325) bilanc ta' somma akbar dovuta lis-socjeta attrici rapprezentanti l-import ta' prezz ta' diversi merci/prodotti debitament mibjugha lill-konvenut u dana skont kif jirrizulta iktar car mill-prospett li qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok A;  is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq l-import tal-fatturi elenkati fl-istess prospett Dok A mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv bl-applikazzjoni ta' LN 233 ta' 2005, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna u dawk tal-ittra legali datata 2 ta' Frar 2011 u tal-ittra ufficjali b'numru ta' referenza

978/2011, kontra s-socjeta’ konvenuta li qieghda minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li r-rapprezentant konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta’ Mejju, 2012 mill-Avukat Sarah Tua u l-fatt li r-rapprezentant konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li r-rapprezentant konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro (€1,325) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, u kif ukoll l-ispejjez tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali ndikata fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------